MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 17

18 ta' Marzu 2014

Minuti tas-seduta Nru.17 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha u l-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ - Raquel Cutajar. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 16, mingħajr emendi. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Programm dwar ir-*resurfacing* ta' toroq f'Tas-Sellum u Ta' Gerbulin fid-dawl ta' ħtiġijiet urġenti fi Triq il-Marfa (T/4/13/Vol XII)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fuq il-bdil tal-*main* tal-ilma fi Triq il-Marlozz, beda fit-3 ta' Marzu, kif kien ipprogrammat.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Żvilupp ta' art bejn Triq l-Etna, Triq Mons. Franġisk Xuereb u Triq in-Naħal għal skop ta' rikrejazzjoni (P/4/27)

2.2.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-ftehim mal-Kurja Arċiveskovili sabiex l-art imsemmija tkun tista' tiġi wtilizzata għal skopijiet ta' rikrejazzjoni ser jiġi ffirmat fl-20 ta' Marzu 2014.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Konok tas-siġar fi Triq il-Kbira u spazju għall-ipparkjar fi Triq ir-Ramla tal-Bir (D/3/1/Vol V)(H/1/2)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 27.1. tas-seduta preċedenti għarraf li l-għoti tal-konkos fuq biċċa art li tinsab biswit Triq ir-Ramla tal-Bir, twaqqaf minn persuni li lmentaw illi l-art tappartjeni lilhom, filwaqt li huma ma' taw ebda permess sabiex din tiġi livellata bil-konkos.

2.3.3. Dwar il-proposta tal-puġġaman tal-injam madwar kull siġra li hemm fis-*centre-strip* bejn Triq l-Għoljiet u Triq il-Kbira, is-Segretarju għarraf li huwa għadda *sketch* tal-*barrier* lil mastrudaxxa sabiex jikkwota l-prezz tax-xogħol involvut. Peress li l-*barrier* tal-injam tirrikjedi ċertu ħxuna biex tiġi soda, ingħata parir li jintuża l-ħadid li jista' jinħadem irqaq.

2.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju għadhom jsiru żewġ *barriers* biss madwar il-konok li hemm fuq iż-żewġ naħat tal-*bus shelter*.

### 2.4.1. Stampar tal-ktieb "*Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War*" (P/3/5)

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li x-xogħol fuq l-istampar tal-ktieb imsemmi kien tlesta u ġie mniedi fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2014. Hija qalet li jeħtieġ li jiġi iffissat prezz għall-bejgħ tiegħu. Għarfet ukoll li l-awtur talab li jingħata 25 kopja.

2.4.3. Ġie deċiż li l-ktieb għandu jinbiegħ mill-uffiċċju bil-prezz ta' €7.00, liema prezz jinkludi ż-żewġ volumi, filwaqt li għandu jiġi offrut lill-bejjiegħa tal-kotba bil-prezz ta' €5.25. Il-Kunsill laqa' it-talba tal-awtur li jingħata n-numru ta' kotba mitluba. Qabel ukoll li għandha tingħata kopja lill-Kunsillieri kollha, kif ukoll lis-Sur Jeffrey Sammut li għamel il-qari tal-provi.

### 2.5.1. Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.1.5. tas-seduta preċedenti u pproponiet li jinxtraw twapet u *cushions* sabiex jintużaw mit-tfal li jiffrekwentaw il-librerija Hija qalet li l-ispiża nvoluta hija ta' €435.

2.5.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

2.5.4. Is-Sindku qal li l-problema ta' nuqqas ta' spazju fil-liberija tista' tingħeleb billi jinbena t-terrazzin li hemm quddiemha. Huwa qal li jixtieq iressaq dan is-suġġeriment lill-Kap tal-Iskola bil-għan li tkun tista' titressaq talba lill-Fondazzjoni Skejjel t'Għada.

2.5.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

### 2.6.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 14.3. tas-seduta preċedenti u qalet li ntbagħtet imejl lill-Kunsilli Lokali kollha bil-għan li jiġu inkoraġġiti ħarġiet kulturali lejn il-Mellieħa. Il-prezz iffissat huwa ta' €5.50 kull persuna.

2.6.3. F'dak li jirrigwarda ħarġiet kulturali 'l barra mill-Mellieħa, hija pproponiet li l-ewwel waħda tkun lejn il-Birgu fil-15 ta' April 2014 wara nofsinhar, li tkun tinkludi wirja tal-Mejda tal-Appostli.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Jum il-Kunsill 2014 (A/5/3/1/Vol XIV)(K/10)

2.7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-andament tal-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill kien wieħed sodisfaċenti, filwaqt li kien hemm konkorrenza tajba kemm mill-mistednin, kif ukoll mill-pubbliku.

2.7.3. Il-Kunsillier H. Fenech irrimarka li anke fl-attivitajiet li kien hemm fil-Park tal-Familja fit-8 ta' Marzu kien hemm konkorrenza tajba, iżda lmenta li ma kellux l-għajnuna meħtieġa biex jintramaw u jiżżarmaw l-attrezzi li ntużaw fid-diversi wirjiet tad-dixxiplini sportivi li ġew imtellgħa.

2.7.4. Is-Sur C. Bartolo qal li l-*business forum* ingħata *coverage* tajjeb mil-media, filwaqt li d-diskors li sar miċ-*chairperson* tal-forum – is-Sinjura Sylvia Gauci – kien wieħed interessanti u nteressa ħafna lis-sidien tan-negozji li attendew. Huwa ppreżenta t-termini ta' referenza li għandhom jirregolaw il-ħidma tal-forum u fil-jiem li ġejjin ser tissejjaħ laqgħa għas-sidien tan-negozji kollha li huma bbażati fil-lokalita`.

2.7.5. Is-Sindku rrefera għall-assenza tal-ex-Sindku Joseph Borg, li ċempell ftit qabel bdiet is-serata tas-7 ta' Marzu biex jgħarraf li kien ser ikun indispost, u għaldaqstant ma kien hemm ħadd minfloku biex jiġi ppreżentat il-memento li ngħata lill-ex-kunsillieri kollha li

servew għal xi żmien bejn l-1993 sal-2014. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li dan għandu jiġi ppreżentat lis-Sur J. Borg fis-seduta li jmiss. L-ex-Sindku R. Cutajar ukoll kien indispost, iżda kien rappreżentat minn ibnu.

2.7.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li approva l-proposta tas-Sindku fil-minuta 2.7.5. aktar 'il fuq.

**2.8.1. Użu tal-*billboard* fit-Telgħa ta' Selmun (S/6/Vol IV) (T/4/3/Vol II)**

2.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 1.1 tas-seduta preċedenti u qal li qed ikun hemm ħafna interess mill-għaqdiet tal-Mellieħa biex jagħmlu użu mill-*billboard* imsemmi sabiex jirreklamaw l-attivitajiet tagħhom. Għaldaqstant mhux ser ikun possibbli li jiġi akkomodat kullħadd u għalhekk għandha titfassal skeda. Huwa ppropona wkoll sabiex l-istess *billboard* jintuża għall reklamar tal-attivitajiet ewlenin tal-Festa tal-Vitorja.

2.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minħabba n-numru ta' attivitajiet li jiġu organizzati fil-perjodu tal-Festa tal-Vitorja, ma jkunx daqshekk faċli li kull minn jorganizza jingħata spazju fuq il-*billboard* u għalhekk ikun aħjar li jiġu stampati fuljetti bl-attivitajiet tal-Festa kollha li jkun kemm bil-Malti, kif ukoll bl-Ingliż.

**2.9.1. Servizzi fil-Klinika tal-Gvern (M/8/Vol V)**

2.9.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 22.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-preżentazzjoni tal-attrezzi li nxtraw għall-klinika tal-i*speech therapy* fil-Berġa, ser jiġu ppreżentati mis-Sindku fl-24 ta' Marzu 2014 lill-uffiċjali konċernati fid-Dipartiment tas-Saħħa.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Trasport għall-Anzjani (A/1/2/Vol VII)**

2.10.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u kompla jaġġorna lill-Kunsill bin-numru ta' anzjani li jiffrekwentaw iċ-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha, u li għamlu użu mit-trasport matul ix-xahar ta' Frar 2014. Huwa ta t-tagħrif li jidher fl-iskeda ta' hawn taħt:

| Data | Nru. ta' Anzjani |
|---|---|
| It-Tlieta 4 | 5 |
| Il-Ħamis 6 | 3 |
| It-Tlieta 11 | 7 |
| Il-Ħamis 13 | 2 |
| It-Tlieta 18 | 6 |
| Il-Ħamis 20 | 3 |
| It-Tlieta 25 | 9 |
| Il-Ħamis 27 | 1 |
| It-Tlieta 4 (Marzu) | 6 |

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 13/03/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 17/02/14 – 13/03/14;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 30/01/14 – 12/03/14
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti - Laqgħa Annwali tal-Lokalita` li saret fil-Mellieħa - 04/02/14;
- Minuti - Laqgħa Annwali tal-Lokalita` li saret fil-Manikata – 06/02/14
- Rendikont finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2013

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Manikata (T/3/2/Vol XIII) (D/3/1/Vol V)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datata 18 ta' Frar 2014, mibgħuta mis-Sur Jeremy Piscopo fejn inġibdet l-attenzjoni għal Triq il-Manikata fil-parti fejn din tidjieq u ma jgħaddux żewġ vetturi fid-direzzjoni opposta. Għaldaqstant ġie issuġġerit li jsiru *traffic lights* jaqilbu waħedhom.

4.1.3. Is-Sindku kkummenta li l-problema aġġravat bl-għeluq ta' Sqaq Ħarruba. Huwa fakkar li l-Kunsill applika mal-MEPA biex jissanzjona l-kisi tal-isqaq bil-konkos. L-eżitu` ta' din it-talba (PA 3337/13) għadu mhux magħruf.

4.1.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-MEPA biex jitħaffef l-ipproċessar tal-applikazzjoni msemmija.

### 4.2.1. Ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa (C/4/Vol III)(K/3)

4.2.2. Saret referenza għal *imejl* datat 17 ta' Frar 2014, mibgħut mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, fejn appellaw lill-Kunsill sabiex ma jinħarġux permessi għall-ikkampjar fil-perjodu meta l-istaġun tal-kaċċa jkun fl-aqwa tiegħu, ossija bejn it-12 ta' April u l-5 ta' Mejju 2014. Dan qed jintalab bħala miżura ta' sigurta` sabiex jiġu evitati l-inċidenti.

4.2.3. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment, u bħala alternattiva indika ż-żona tal-Qortin it-Twil. Ġie osservat ukoll li d-dati tal-istaġun tal-kaċċa 2014 għadu ma tħabrux uffiċjalment.

### 4.3.1. Fond għat-Titjib Urban (*UIF*) (P/5/15)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' Marzu 2014, mibgħuta mill-Bord li jamministra l-fondi msemmija, fejn intqal li ġie deċiż illi ser jinqatgħu 30% tal-ammont mhux utilizzat minn dan il-fond b'effett mill-10 ta' Marzu 2014. Dan sabiex jagħmlu tajjeb għall-bini ta' ħitan madwar qtajja' mhux mibnija fil-lokalita`. Il-flus minfuqa jiġu rkuprati hekk kif is-sidien iħallsu għall-azzjoni diretta li tkun ittieħdet mill-MEPA.

4.3.3. Is-Sindku għarraf li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali pprotestat dwar din il-proċedura li ġiet addottata mingħajr konsultazzjoni. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-MEPA tista' tirrikorri għall-mekkaniżmu li jeżisti biex tidentifika s-sidien tal-proprejtajiet li jkunu qed jiġu abbużati.

4.3.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-bini ta' ħitan bejn it-triq u qtajja' vojta ma jwaqqaf ebda abbuż.. Ħafna drabi l-iskart jitwaddab minn fuq il-ħitan u jingema bil-konsegwenza li tinħoloq dehra kerha mill-għoli, kif ukoll jinġiebu l-ġrieden u insetti xorta waħda. Huwa qal ukoll li madwar il-lokalita` jeżistu postijiet, li minkejja illi jiġu abbużati, mil-lat estetiku jkun aħjar jekk ma jinbnew ebda ħitan.

4.3.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintbagħat ittra ta' protesta lill-MEPA.

### 4.4.1. Sewqan perikoluż fi Triq tas-Salib (T/3/2/Vol XII)

4.4.2. Saret referenza għal proposta mressqa fis-Seduta Nru. 11 tal-4 ta' Novembru 2013 sabiex issir *raised plateau* fi Triq tas-Salib bi dritt Triq il-Pellegrini. Il-Kunsill ġie mgħarraf permezz ta' imejl datat 3 ta' Marzu 2014 mibgħut minn Transport Malta, fejn il-Kunsill intalab jikkonsidra soluzzjonijiet alternattivi bil-għan li titnaqqas il-veloċita` tal-vetturi wara li ttieħdu in konsiderazzjoni s-servizzi li hemm taħt wiċċ it-triq u t-tappieri li hemm fuq l-istess servizzi.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tintalab rikonsiderazzjoni minħabba li l-i*speed humps* jikkawżaw inkonvenjent bl-istorbju li jiġġeneraw.

### 4.5.1. Attivitajiet pubbliċi organizzati minn għaqdiet (S/6/Vol IV) (A/6/3/2/Vol 46)

4.5.2. Inqara imejl datat 24 ta' Frar 2014 mibgħut mill-*Mellieħa Supporters Club* fejn intqal li fl-4 ta' Mejju 2014 ser jiġu organizzati serje` ta' attivitajiet fi Triq Qasam Barrani u Triq Vincenzo Ciappara. Dawn qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex:

- Jitpoġġew *litter bins*;
- Ħruġ ta' permessi biex jingħalqu t-toroq imsemmija;
- *Barriers* u tabelli *NO PARKING* li jitpoġġew minn ġurnata qabel;
- Użu tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja;
- L-użu tal-*billboard* li hemm fit-Telgħa ta' Selmun; u
- Palk.

4.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tiġi organizzata din l-attivita`, sakemm it-traffiku jingħalaq minn:

- Triq Vincenzo Ciappara k/m Triq il-Modd;
- Triq Napuljun Caruana Dingli k/m il-Muna;
- Triq Qasam Barrani k/m Triq l-Assedju l-Kbir; u
- Triq Qasam Barrani k/m Triq il-Mitħna l-Ġdida.

4.5.4. Dwar il-*litter bins* u l-palk, il-Kunsill kien tal-fehma li jista' jintervjeni biex dawn l-attrezzi jinstilfu mill-kuntrattur konċernat u mid-Dipartiment tal-Kultura, rispettivament. Dwar l-użu tal-billboard, dehlu li għandu jiġi verifikat jekk huwiex ser ikun okkupat b'xi attivita` oħra fl-istess perjodu.

4.5.5. Ġie osservat li normalment li fl-ewwel ħadd ta' Mejju ta' kull sena ssir it-10 *Kilometre Race* fit-toroq tal-Mellieħa, li inċidentalment tinkludi Triq Qasam Barrani. Il-Kunsill iddeċieda li m'għandux ikun hemm żewġ attivitajiet f'daqqa, filwaqt illi osserva li l-imsemmija tellieqa ilha ssir fuq bażi annwali għal diversi snin. Għaldaqstant il-Mellieħa Supporters Club u l-Mellieħa Athletics Club għandhom jilħqu kompromess bil-għan li ż-żewġ attivitajiet ma jaħbtux flimkien.

4.5.6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fit-30 ta' Marzu 2014, is-Societa` Filarmonica La Vittoria ser ittellgħa serje` attivitajiet matul il-ġurnata kollha li fost oħrajn tinkludi wirja ta' muturi u logħob varjat

4.5.7. Il-Kunsillier D. Vella għarraf li fit-18 ta' Mejju 2014 l-*American Auto Club Malta* ser jorganizza wirja ta' vetturi f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa.

4.5.8. Il-Kunsill approva d-dati tal-attivitajiet imsemmija fil-minuti 4.5.6. u 4.5.7.

### 4.6.1. Ipparkjar ta' vetturi fi Triq it-Tramuntana (T/3/2/Vol XIII)

4.6.2. Saret referenza għal deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru.12 tas-27 ta' Novembru 2013, dwar talba li saret mill-Għaqda Mużikali Imperial sabiex issir KEEP CLEAR minħabba ingombru li qed jiġi kkawżat quddiem il-bieb numru 61, fuq wara tas-sede tagħhom min-naħa ta' Triq it-Tramuntana. L-istess għaqda talbet li l-Kunsill jikkonsidra mill-ġdid din it-talba, filwaqt li għaddew ritratt ta' persuna li qed jiddaħħal b'siġġu tar-roti mill-istess bieb.

4.6.3. Filwaqt li ġie osservat illi irrispettivament jekk isirx il-KEEP CLEAR jew le, id-daħla indikata mhux addattata biex jiddaħlu persuni fuq is-siġġu tar-roti għar-raġuni li fiha tliet tarġiet li waħda minnhom qed tostakola l-bankina. Il-Kunsill iddeċieda li minflok għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex issir *hatched area* skont il-wisa' tal-bieb, bil-għan li jiġi faċilitat il-ħatt u t-tagħbija tal-istrumenti tal-mużikali wżati mill-banda.

### 4.7.1. 25 anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol IV)

4.7.2. Inqrat imejl datat 16 ta' Marzu 2014, mibgħuta mill-għaqda msemmija fejn intalbet laqgħa mal-Kunsill b'rabta ma' numru ta' attivitajiet li l-għaqda tixtieq torganizza biex tfakkar il-25 anniversarju mit-twaqqif tagħha fl-1989.

4.7.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa ssir fl-1 ta' April 2014 fis-6.30pm.

### 4.8.1. Kompetizzjoni annwali bi premju intitolata *A+Accessibility Award* (P/8/4)

4.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-ittra datata 7 ta' Frar 2014, mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` u Anzjanita`, li permezz tagħha ser jiġu ippremjati inizjattivi meħuda mill-Kunsilli Lokali ntenzjonati titjieb l-aċċessibilita` għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Huwa ppropona li l-introduzzjoni ta' bandla għall-persuni b'diżabilita` fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ, kif ukoll l-installazzjoni ta' antiporta mekkanizzata fl-uffiċċju tal-Kunsill għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni għal dan il-premju. Is-Sur Attard staqsa dwar f'liema stadju waslu l-*bill of quantities* li kellhom jiġu mħejjija dwar l-imsemmija inizjattivi.

4.8.3. Is-Segretarju wieġeb li l-*bill of quantities* dwar il-bandla kien tlesta, filwaqt li fil-każ tal-antiporta saret spezzjoni mill-Ing. Mario Galea li sad-data tas-seduta kien għadu qed jaħdem fuq id-dokument mitlub.

### 4.9.1. Parkeġġ riżervat f'Misraħ tas-Salib (T/3/2/Vol XIII)

4.9.2. Saret referenza għal imejl datata 18 ta' Marzu 2014, mibgħuta mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri li talbet sabiex jiġi allokat spazju riżervat għall-vettura uffiċjali tagħha minħabba l-kariga ta' maġistrat li hija ser tingħata b'effett mill-24 ta' Marzu 2014.

4.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jiġi allokat spażju quddiem ir-residenza numru 2, f'Misraħ tas-Salib kantuniera ma' Sqaq Nru. 1.

### 4.10.1. Kompetizzjoni bil-*powerboats* fl-Għadira (A/6/3/2 Vol 46)

4.10.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 17 ta' Marzu 2014, mibgħut mis-Sur Paul Howes fejn talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu organizzati it-*Thundercat World Championships* fil-Bajja tal-Għadira f'Ottubru 2015.

4.10.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni fil-prinċipju, pero` qabel li għandha ssir applikazzjoni formali fiż-żmien stipulat.

### 4.11.1. *Fireworks Festival* (A/5/5/Vol VII)

4.11.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Marzu 2014 mibgħut mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, fejn intalab permess sabiex jinħaraq logħob tan-nar minn fejn il-Batterija tal-Mistra fis-26 ta' April 2014, bħala parti mill-*Fireworks Festival*.

4.11.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-post jitħalla nadif wara li tintemm l-attivita`.

### 4.12.1. Taħditiet għall-ġenituri dwar l-użu tal-kompjuter mit-tfal (E/3/1/9/Vol IV)

4.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-imejl datat 26 ta' Frar 2014 mibgħuta mill-Awtorita` Maltija tal-Komunikazzjoni, dwar taħditiet li qed jingħataw fil-komunita` dwar l-użu tajjeb tal-internet mit-tfal. Hija qalet li dawn ikunu ta' siegħa u nofs u pproponiet li jsiru waħda bil-Malti fis-7 ta' April u oħra bl-Ingliż fl-10 ta' April 2014 fis-sala tal-Kunsill.

4.12.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 13th March 2014. Kien hemm ukoll *PRF* addizzjonali li tikkonċerna l-proġett tal-*Heritage Trail* ta' Selmun.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqu ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn it-30 ta' Jannar u 12 ta' Marzu 2014, kif ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn is-17 ta' Frar u t-13 ta' Marzu 2014.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-**

**"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandu jiġi ppreżentat il-*Budget* u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduta Nru. 14 tat-8 ta' Jannar 2014, kif ukoll saru żewġ laqgħat għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, skont ma jitlob l-imsemmi Att fl-4 u s-6 ta' Frar 2014;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2014 u l-*Business Plan* għas-snin 2014/2016, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/25)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Rendikont finanzjarju Ottubru / Diċembru 2013 (F/1/1/Vol II)

8.2. Is-Segretarju rrefera għar-rendikont li tqassam lill-Kunsillieri qabel is-seduta u kopja tiegħu ġiet mehmuża ma' dawn il-minuti.

8.3. Billi ma kienx hemm aktar mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

## 9.1. *Rubber Flooring* tal-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

9.2. Is-Segretarju aċċenna għall-problemi li kien hemm bid-dħul tal-ilma tax-xita fid-*dressing rooms* taħt il-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja. Huwa qal li fejn kien hemm il-problema ewlenija jidher li din ingħelbet billi nqalgħa parti mir-*rubber flooring* sabiex saret *membrane* taħtu. Dan jista' jingħad wara li għadda mill-prova tax-xitwa 2013/2014. Huwa qal li issa jeħtieġ illi jerġa jsir mill-ġdid ir-*rubber flooring* fil-parti fejn kellu jinqala. Għaldaqstant inġiebet stima mingħand Projekte Global Ltd sabiex jiġi applikat il-*binding material* fuq medda ta' 40 metru kwadru, liema xogħol ġie ikkwotat €708 bil-VAT inkluża. Inġiebet stima oħra sabiex tinqata' linja dritta u unita fir-*rubber flooring* eżistenti u wara jiġi applikat lastiku ġdid fil-parti li kien inqala', wkoll fuq medda ta' 40 metru kwadru. Dan ġie kkwotat minn 240 Ltd għas-somma ta' €1,164.43.

9.3. Il-Kunsillier H. Fenech ikkummenta li l-problemi tad-dħul tal-ilma għadhom ma ġewx solvuti għal kollox, iżda jista' jagħti l-fatt illi l-ilma issa qed jidħol mill-ħajt tal-gagazza.

9.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni wkoll li l-ilma qed jidħol fuq in-naħa l-oħra tal-*court*, preċiżament fid-daħla għad-*dressing rooms*. Qed jidħol ukoll taħt it-taraġ li jagħti mill-*court* għall-istess *dressing rooms*, biswit il-kamra użata mill-kustodju. Is-Sur C. Debono qal li din il-problema mistennija tiġi trattata fix-xhur tas-Sajf, meta l-art tal-*court* tkun nixfet għal kollox mill-ilma tax-xita.

9.5. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-ordnijiet lill-fornituri msemmija.

## 10.1. Tħejjijiet għall-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/4)

10.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li tkomplew il-kuntatti dwar dan l-avveniment, filwaqt li l-Għaqda Mużikali Imperial u s-Societa` Filarmonica La Vittoria kkonfermaw miegħu li ser jieħdu sehem fil-festival. Jidher ukoll li hemm interess minn korijiet Maltin.

10.3. Is-Sur C. Bartolo għarraf ukoll li bejn it-30 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju 2014 ser ikun hawn Malta l-*International Multi-Style Dance Convention*. L-organizzazzjoni li torganizza dan il-forum jisimha *A Stage For Life* u l-membri tagħha ġejjin mill-Ġermanja, mir-Renju Unit, Spanja, mill-Filippini, l-Eġittu u mill-Isreal. Il-membri tagħha ġejjin mill-oqsma tal-korjografija, il-mużika u aspetti oħra mix-xena internazzjonali taż-żfin. L-konferenza ser tiġi ospitata fil-Paradise Bay Hotel u għalhekk ikun possibbli li d-delegati f'din il-konferenza jieħdu sehem fil-festival.

10.4. Is-Sur C. Bartolo aċċenna li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali alloka €2,000 għal dan il-festival taħt l-Iskema dwar Inizjattivi Attivitajiet Kulturali.

10.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li talab illi sa seduta oħra jitressaq abbozz tal-programm.

## 11.1. Tħejjijiet għall-proġett "*Bringing the EU Closer to the Local Communities*" (P/10/24)

11.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo fakkar li l-*Education, Audiovisual and Cultural Executive Agency* tal-Kummissjoni Ewropea approvat allokazzjoni €17,000 biex jiġi ffinanzjat il-proġett imemmi taħt il-programm *Europe for Citizens – Town Twinning Citizens' Meetings.* Huwa qal li qed jitfassal programm tal-attivitajiet li jinvolvi 130 delegat li bażikament ser jiżvolġu fil-Mellieħa bejn is-7 u l-11 ta' Awwissu 2014 sabiex jipparteċipaw f'konferenza bit-tema msemmija, filwaqt li ser jattendu u jieħdu sehem fl-attivitajiet tal-Iljieli Melleħin. Minħabba n-numru relattivament kbir ta' delegati qed titfassal sejħa għall-offerti li tkopri l-akkomodazzjoni, l-ikel, u faċilitajiet għall-istess konferenza.

11.3. Il-Kunsill innotta u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

## 12.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira (T/4/12)

12.2. Is-Sindku rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq il-Kbira u qal li dawn waslu f'punt li jeħtieġ li jsiru żewġ tinek li jaqsmu t-triq bi dritt Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Franġisk Zahra. Dan ikun jirrikjedi li t-toroq ewlenin jingħalqu għat-traffiku għal jumejn – fil-25 u 26 ta' Marzu 2014. Is-suġġett ġie diskuss ma' uffiċjali minn Transport Malta u kien hemm qbil li r-rotot ewlenin tal-karozzi tal-linja għandhom jgħaddu minn Dawret il-Mellieħa u Triq Lewis Wettinger u jieqfu biss fl-*interchange*. Il-*feeder lines* 101 u 102 ser ikunu qed jiġbru in-nies minn fuq il-*bus stops* bil-frekwenza normali tagħhom kull siegħa. Meta jkunu ġejjin mill-Għadira, dawn jaslu sa' Triq Adenau, jdawru lura lejn Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq Santa Marija, Triq San Ġorġ, Triq tas-Salib; Triq il-Kbira sal-*interchange*. Lura jgħaddu minn Triq il-Kbira, Triq tas-Salib, Triq San Ġorġ, Triq San Ġużepp, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq il-Wied, Triq Mons. Indri Fenech, Triq Ġnien Ingraw, Triq is-Santwarju, Triq l-Erwieħ, Triq Ġorġ Borg Olivier sa Triq Adenau u jdawru lejn Triq il-Marfa. Din ir-rotta tkun teħtieġ li parti minn Triq tas-Salib (bejn Triq San Ġorġ u Triq il-Kbira) issir *two-way* u tkun sorveljata permezz ta' gwardjan lokali.

12.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li huwa ndaga dwar l-ispiża nvoluta biex jiġi supplimentat is-servizz tal-*feeder lines* 101 u 102 ipprovdut minn Transport Malta. Huwa qal li nstab kuntrattur partikulari li lest jipprovdi l-istess servizz, bejn it-8.30am u t-8.00pm fil-ġranet indikati bi frekwenza ta' 20 minuta, bir-rata ta' €250 (VAT inkluża) kuljum. Din ir-rata hija għal minibus li tgħabbi massimu ta' 16-il passiġġier.

12.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li traffiku normali ġej miċ-Ċirkewwa jingħata direzzjoni lejn Dawret il-Mellieħa, filwaqt li li jkun ġej minn San Pawl il-Baħar jingħata l-istess direzzjoni. Għaldaqstant fil-ġranet imsemmija jkun meħtieġ is-servizz ta' erba' gwardjani lokali li joqgħodu fejn ir-*roundabouts* ta' Selmun u dik ta' Triq il-Marfa/Dawret il-Mellieħa, Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib u Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier. Il-kuntrattur konċernat ser ikun qed iħaddem in-nies tiegħu bis-sahra biex jiġi żgurat li x-xogħol isir fl-iqsar żmien possibbli.

12.5. Il-Kunsill approva l-arranġamenti deskritti aktar 'il fuq, inkluż is-servizz tal-minibus bir-rata ikkwotata.

## 13.1. Proġetti Kapitali mill-Gvern Ċentrali (P/4/32)

13.2. Is-Sindku ppropona li għandha ssir diskussjoni dwar proġetti kapitali li minħabba l-finanzjament qawwi li jirrikjedu jridu jiġu implimentati mill-Gvern Ċentrali waħdu jew bi sħab mal-privat. Huwa qal li dawn jinkludu l-proġetti tal-funikular, il-mina taħt il-livell ta' Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier; triq alternattiva li twassal minn San Pawl il-Baħar sal-Mellieħa; il-*promenade* tal-Għadira; u ċ-Ċentru tal-Komunita`. Is-Sur J. Buttigieg issuġġerixxa li ssir laqgħa apposta nhar is-Sibt 5 ta' April 2014.

13.3. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa.

## 14.1. Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

14.2. Is-Segretarju għarraf li fl-10 ta' Marzu 2014 saret laqgħa tal-*isteering committee* ta' dan il-proġett fil-Pergola Club Hotel fil-Mellieħa. Is-Sur C. Debono qal illi jidher li l-futur tal-proġett għadu wieħed inċert billi l-Wasteserv qed issostni li m'għandiex fondi biżżejjed fil-baġit allokat u fuq kollox tqis li dan m'huwiex vijabbli minħabba l-kwantita` ta' faxxina li tiġi ġġenerata f'Malta mhijiex biżżejjed biex l-impjant propost jitħaddem matul is-sena kollha. Din il-posiżżjoni ġiet sostnuta mir-riżultat tas-*Situation Analysis* u *Feasibility Study* li ġie kkummissjonat mill-Kunsill lid-ditta AIS Environmental Ltd. Dan l-istudju għandu mhux konklussiv, peress li l-imsieħba GAL Val d'Anapo għandhom jgħaddu aktar tagħrif tekniku dwar t-teknoloġija tal-impjant propost, kif ukoll statistika dwar il-*biomass* (faxxina) li tiġi ġġenerata f'Ragusa u Siracusa. Id-delegazzjoni tal-imsieħeb ewlieni (Regione Sicilia) għamluha ċara li kemm-il darba l-proġett ma jitwettaqx, ikun hemm konsegwenzi finanzjarji fuq l-imsieħba kollha, għaliex il-fondi minfuqa kollha jkunu jridu jintraddu lura lill-Kummissjoni Ewropea.

14.3. Fl-istess laqgħa u f'okkażjonijiet oħra, in-naħa tal-Mellieħa għamlet proposta sabiex *surplus funds* li għandhom l-imsieħba kollha jiġu rijallokati lill-WasteServ. Is-Segretarju kompla jgħid li anke hawn jidher li hemm problema għaliex ir-reviżjoni tal-baġit huwa proċess li jieħu ħafna żmien, tant li ma jkunux jistgħu jiġu onorati l-iskadenzi stabbiliti. Apparti dan, l-imsieħba Taljani wrew biċ-ċar li m'humiex lesti li jċedu mill-fondi allokati lilhom. L-imsieħba Maltin ser jitolbu laqgħa mal-*Funds and Programmes Division* sabiex jiġi stabbilit kif jista' ikun hemm rijalokkazzjoni ta' riżorsi finanzjarji minn imsieħeb għall'ieħor.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Introduzzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Ta' Fuq il-Widien (E/1/3/Vol IV)

15.2. Is-Sindku għarraf li d-dwal kollha marbuta mal-iskema ta' dwal ġodda fit-triq imsemmija ġew installati u l-Korporazzjona Enemalta mistennija li tixgħelhom fil-jiem li ġejjin.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 16.1. *Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa (A/6/3/2/Vol 46)

16.2. Is-Sindku għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-membri tal-*Island Car Club* dwar l-organizzazzjoni ta' *hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa fit-13 ta' April 2014.

16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni għal dan l-avveniment bil-kundizzjoni li:

(a) Jkun hemm gwardjan lokali fi Triq il-Mellieha kantuniera mat-triq tal-Wied ta' Rdum, sabiex it-traffiku li jkun sejjer lejn iċ-Ċirkewwa jingħata direzzjoni lejn it-triq tal-aħħar;

(b) Ikun hemm gwardjan lokali ieħor fi Triq Lewis Wettinger kantuniera ma' Triq il-Mellieħa, biex traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni tar-*roundabout* ta' Selmun jitħalla biss idur lejn Triq Qasam Barrani, jew lejn Triq il-Mellieħa;

(c) Ikun hemm pulizija f'Dawret il-Mellieħa, kantuniera ma' Triq tal-Prajjet u ieħor fejn ir-*roundabout* ta' Triq il-Marfa, kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa biex iħallu aċċess biss lill-vetturi tal-bdiewa, jew sa Popeye Village;

(d) Fejn ir-*roundabout* Ta' Pennellu jkun hemm tabella li tindika d-direzzjoni lejn iċ-Ċirkewwa; u

(e) Jinġiebu l-permessi minn Transport Malta u l-Pulizija.

## 17.1. *Pedestrian Crossing* fi Triq Vincenzo Ciappara (T/3/2/Vol XII)

17.2. Is-Sindku għarraf li għalliema fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa qed jirrifjutaw li jagħmlu użu mill-faċilitajiet fil-*ground* f'Ta' Pennellu, peress illi qed isostnu li ma teżistix sigurta` biżżejjed fit-triq imsemmija. Is-Sur J. Buttigieg qal li saru rappreżentazzjonijiet ma' Transport Malta dwar dan u inizjalment dawn irrakkomandaw li Triq Vicenzo Ciappara tingħalaq waqt il-ħin tal-iskola, bejn Triq Qasam Barrani u Triq Napuljun Caruana Dingli. Huwa oġġezzjona għal dan għaliex din il-miżura toħloq traġitt żejjed tat-traffiku f'toroq oħra fiż-żona Ta' Pennellu. It-tieni arranġament propost minn Transport Malta jinvolvi l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing*, flimkien ma' tabelli *School Ahead*, *Yellow Bar*

*Markings* u marki *Slow* fi Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli u fi Triq Qasam Barrani. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu dan l-arranġament huwa iktar fattibbli.

17.3. Is-Segretarju għarraf li saret applikazzjoni mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex ikunu jistgħu jitwaħħlu l-arbli bil-*belisha lights* u r-rifletturi.

17.4. Il-Kunsill approva l-arranġament deskritt mis-Sindku.

### 18.1. Attivitajiet għall-April u Mejju 2014 (A/5/3/Vol VIII)

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fix-xhur imsemmija jsiru l-attivitajiet li jidhru hawn taħt:

- 25 ta' April – Jum il-Ktieb jiġi mfakkar flimkien mat-tfal li jattendu l-Iskola Primarja tal-Mellieħa;
- 8 ta' Mejju – Jum l-Ewropa jiġi mfakkar bil-kollaborazzjoni ma' JEF Malta (*Jeunes Européens Federalists* – Żgħażagħ Federalisti Ewropej) illi hija għaqda li temmen illi l-Ewropa għandha tingħaqad biex titjieb il-kwalita` tal-ħajja taċ-ċittadini tagħha u għandha 30,000 membru fi tletin pajjiż Ewropew; u
- 10 ta' Mejju – Jum l-Omm jiġi iċċelebrat fi stabbiliment turistiku, kif ukoll f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa;
- 16 ta' Mejju – Pizza u pasta buffet fil-Mellieħa Holiday Centre fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm bil-parteċipazzjoni ta' Joe u Veronica Farrugia, Artemocion, l-istudenti tal-*line dancing*.

18.3. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm titpoġġa *card* kbira fid-daħla ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa, fejn ulied l-anzjani residenti hemmhekk ikunu jistgħu jiktbu messaġġ.

18.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa, filwaqt li talab li jingħataw aktar dettalji fis-seduta li jmiss.

### 19.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli (A/5/3/Vol XII)

19.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-wirja ta' vetturi kollettibbli li kienet issir kull sena f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Mellieħa. Huwa qal li l-istess nies involuti f'din il-wirja jixtiequ li jorganizzaw *Car Enthusiasts Day* li tinvolvi numru akbar ta' vetturi.

19.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li minħabba raġunijiet ta' spazju, il-post idejali għal din l-attivita` jkun Triq Selmun biswit il-Park tal-Familja.

### 20.1. Ftehim - Tmexxija tax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija (A/6/7/2/Vol II)

2.2.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-ftehim imsemmi kien ser jiskadi fil-21 ta' Marzu 2014 u għalhekk staqsa dwar jekk kienx hemm xi oġġezzjoni biex dan jiġi mġedded taħt l-istess kundizzjonijiet.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li l-ftehim għandu jiġi mġedded u għaldaqstant awtorizza l-iffirmar tiegħu.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 7 ta' April 2014 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**